*utilitarju. Il-lum il-ħajja materjali tal-bniedem qiegħda fl-ogħla sfera ta' tgawdija; iżda b'daqshekk hawn paċi jew hena fost il-bnedmin?*

*Jekk niftħu l-gazzetta, jekk nisimgħu r-radjo, ma naqrawx u ma nisimgħux ħlief tehdid u tagħjir. Wara żewġ gwerer ta' l-akbar qerda stennejna li naraw xaqq dawl ta' paċi u sliem, għall-kuntrarju sibna ruħna ġo dinja ta' għira u ta' mibegħda, fejn in-nies ma jaħmlux lil xulxin, fejn il-potenzi jibżgħu minn xulxin, fejn kulħadd ħosbien u beżgħan minn dak li jista' jinqala' minn ħin għal ieħor.*

*Dawk il-għodod tal-għaġeb li l-ġenju tal-bniedem kixef jew rama f'dawn l-ewwel ħamsin sena ta' dan is-seklu, qegħdin jieħdu moħħ il-bniedem; il-biża' minn dawk il-għodod ta' ħerba qiegħed iwerwer in-nies. Il-bniedem il-lum ġralu bħal dak li wara li jrabbi serpent jitkexkex u jistkerrhu għax jibża' li joqtlu.*

*Għandna mezzi ta' kumdità li l-bnedmin qatt ma kienu ħolmu bihom qabel; nistgħu naraw ħwejjeġ li qabel ħadd ma kien rahom, nistgħu f'qasir żmien inżuru artijiet li qabilna ħadd ma kien resaq lejhom jew kienu jintlaħqu wara ħafna taħbit u sogru u safar twil; nistgħu ntiru fl-ajru, ngħoddsu f'qiegħ il-baħar, niġru aktar mir-riħ; nistgħu naraw x'qiegħed isir, jew nisimgħu x'qiegħed jingħad eluf ta' mili bogħod minna; nistgħu nitkellmu min-naħa waħda għal oħra tad-dinja, imma b'danakollu ma għandniex paċi; qalbna dejjem ittaqtaq u f'moħħna dejjem igħaw-war id-dudu tal-biża'. U ma hemmx tama li neħilsu minn din il-ħajja komda u lussuża iżda bla ħajr u bla sliem sakemm ma nifhmux li l-bniedem barra ġismu għandu ruħu wkoll u sakemm hu ma jeħux ħseb ta' ruħu, jagħmel x'jagħmel, qatt ma jsib hena u faraġ.*

*Biex ingħixu sewwa u ntejbu l-ħajja tagħna jeħtieġ l-ewwelnett li nieħdu ħsieb l-ispirtu bħalma s'issa ħadna ħsieb il-materja; jekk inqanqlu xejriet spiritwali fil-ħajja tagħna nkunu nistgħu nifhmu l-iskop li għalih qegħdin ingħixu aħna l-bnedmin u allura nintebhu li għana, saħħa u flus ma humiex biżżejjed biex jikkuntentawna. Il-bniedem hu ħolqien b'sentimenti fini u aktar ma jħaddem dawn is-sentimenti aktar jissaħħaħ u jistaħja. Għalhekk naraw li fejn hemm annuna, imħabba u ħniena, aktar hemm faraġ u paċi, u aktar ma n-nies jersqu lejn xulxin u jiftiehmu, aktar jonqos il-għelt, jispiċċa l-biża' u jgħib is-sħab tan-niket.*

*Din kienet sena ta' Ġublew, mela l-qlub ta' bosta bnedmin*



*sema. Rajna mijiet ta' eluf ta' pellegrini sejrin lejn Ruma biex jinxteħtu f'riġlejn il-Vigarju ta' Kristu u jitolbu maħfra għal dnu-ikeċċu l-għira u l-mibegħda minn fost il-bnedmin. Għax biex wieħed jifhem lill-ieħor u jersaq lejh l-ewwel irid jinfatam minn kull saħta ta' nefħa u kburija.*

*Fil-Ħarifa ta' din is-sena rajna nofs miljun ruħ jinġabru fil-Misraħ San Pietru ta' Ruma biex jagħtu qima u ġieħ lil Marija li telgħet is-sema bir-Ruħ u bil-Ġisem. Fl-okkażjoni tad-Dogma ta' Marija Assunta l-Papa kebbes xrara li tista' tixgħel f'nar li jagħti lid-dinja dak id-dawl spiritwali tant meħtieġ. Dik il-fawra ta' Fidi għandha mnejn tiswa biex tagħti xejra nisranija lill-ħajja fit-tieni nofs ta' dan is-seklu għoxrin. S'issa f'dan is-seklu ħsibna f'kulma jiswa u jeħtieġ għall-ħajja materjali, inħabirku mela ħalli ngħinu wkoll il-ħajja spiritwali.* Sursum corda! *Inħarsu 'l fuq! Naraw li fl-aħħar nofs ta' dan is-seklu ngħollu ħsibijietna, xewqatna u għamilna, biex inqajmu riġenerazzjoni spiritwali u morali tal-ħajja tagħna.*

---

## FIL-BERAĦ WAĦDI

*Ta'* V. UNGARO

Fil-beraħ waħdi fuq l-għoljiet mikxufa
Ngħaddi s-sigħat fil-kwiet kull fil-għaxija
F'xefaq il-bgħid nilmaħ ix-xemx mifruxa
Bejn sema w art ħuġġieġa ħamranija.

Minn ġewwa l-wied fil-bogħod, leħen ħarufa
Jokrob waqtiet. L-għasafar geġwiġija
Għas-satra tas-siġriet, mill-għajn mitlufa
Jingħaqdu lkoll fis-sliem "Ave Marija".

Is-skiet, il-ħemda b'dawl u dlam mogħnija
Għaxqet il-qalb, dehra tassew sabiħa,
Seħer misruq mill-art tal-Poeżija!

Iż-żifef ħelwa jitliegħbu ma' xagħri
Inisslu l-oħla ferħ, u b'ras mistrieħa
Ninsa li sar il-ħin biex immur f'dari.

4. 8. 49.